



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2017
COM(2017) 134 final

ANNEX 1

ANNESS

**tal-
KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà - Strateġija ta' Implimentazzjoni

Pjan ta' Azzjoni għall-Interoperabbiltà

{SWD(2017) 112 final}

{SWD(2017) 113 final}

PJAN TA' AZZZJONI GĦALL-INTEROPERABBILTÀ

Il-pjan ta' azzjoni għall-interoperabbiltà jindirizza l-kawżi¹ tal-kwistjonijiet eżistenti ta' interoperabbiltà u huwa indikattiv. Jista' jkun aġġornat jekk jiġu identifikati u inklużi fih jew rtirati iktar azzjonijiet. Tibdil jista' jiġi propost mill-Kummissjoni Ewropea fi kwalunkwe ħin u għandhom jingħataw raġunijiet validi, pereżempju sejbiet li jirriżultaw mill-monitoraġġ ta' azzjonijiet ta' interoperabbiltà. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Kumitat ISA² jew, jekk rilevanti, mal-korpi li jirregolaw l-inizjattivi li jappoġġaw il-pjan ta' azzjoni għall-interoperabbiltà, hija responsabbli biex tiddeċiedi dwar kwalunkwe aġġornament għal-lista.

Objettivi	Azzjonijiet	Kronoloġija	Responsabbiltà
Qasam ta' prijarità Nru 1: L-iżgurar tal-governanza, tal-koordinazzjoni u tal-kondiviżjoni ta' inizjattivi għall-interoperabbiltà			
Għall-governanza u l-koordinazzjoni tal-inizjattivi għall-interoperabbiltà fil-livelli tal-UE u nazzjonali.	1. Identifikazzjoni u koordinazzjoni mal-politiki rilevanti l-oħra u mal-istrutturi ta' governanza tagħhom fil-livelli tal-UE u nazzjonali (inkluż kumitati settorjali).	2017-2020	Kummissjoni Ewropea (KE), Stati Membri (SM)
	2. Identifikazzjoni u deskrizzjoni tal-istrutturi ta' governanza u prattiki tajba għal koordinazzjoni tal-interoperabbiltà.	2017-2020	KE, SM
	3. L-iżgurar li l-interoperabbiltà tiġi kkunsidrata fit-tfassil ta' strumenti leġiżlattivi u li jiġu inklużi referenzi rilevanti kif xieraq.	2017-2020	KE, SM
Sabiex jiġu żgurati l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-FEI.	4. L-espansjoni u ż-żamma tal-Osservatorju NIF għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-FEI u l-konformità mal-istrateġiji/oqfsa nazzjonali għall-interoperabbiltà mal-FEI. Kif ukoll, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-interoperabbiltà.	2017-2020	KE, SM
	5. Il-proviżjoni ta' appoġġ u taħriġ ad hoc lill-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-FEI fil-livelli kollha tal-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom.	2017-2020	KE, SM

¹ Kawżi ta' interoperabbiltà huma msemija fit-test ewlieni tal-Komunikazzjoni. Ma hemmx korrispondenza bejn żewġ partijiet bejn l-oqsma ta' prijarità u l-kawżi sottostanti; madanakollu, il-kawżi huma indirizzati minn waħda jew taħlita ta' azzjonijiet proposti.

Qasam ta' prijorità Nru 2: L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà organizzattiva			
Sabiex jiġu pprovduti u użati faċilitaturi rilevanti (eż. ftehimiet ta' interoperabbiltà) u artifatt (eż mudelli ta' proċess tan-negozju).	6. Il-kjarifika u l-proposta ta' modi kif ir-relazzjonijiet organizzattivi tal-amministrazzjoni pubblika tista' tiġi formalizzata bħala parti mis-servizzi pubbliċi Ewropej. L-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' mudelli ta' proċess komuni għad-deskrizzjoni ta' proċessi tan-negozju. L-identifikazzjoni tal-aħjar prassi;	2017-2020	KE, SM
	7. L-identifikazzjoni ta' proċessi tan-negozju transfruntier ewlenin li jinvolvu skambju ta' informazzjoni amministrattiva (inkluż dokumenti) u l-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri differenti, kif ukoll l-iżvilupp ta' linji gwida dwar kif l-aħjar jiġu allinjati u simplifikati.	2017-2020	KE, SM
Qasam ta' prijorità Nru 3: Involvement ta' partijiet ikkonċernati u sensibilizzazzjoni għall-interoperabbiltà			
Sabiex l-amministrazzjonijiet pubbliċi jiġu mħeġġa jużaw soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti jew ġodda filwaqt li japplikaw il-prinċipji, ir-rakkomandazzjonijiet u l-mudelli tal-FEI. Sabiex jiġu definiti, imkejla u kkomunikati l-benefiċċji ewlenin li jistgħu jinkisbu bl-applikazzjoni tal-prinċipji, ir-rakkomandazzjonijiet u l-mudelli FEI.	8. It-tfassil u t-tweġġ ta' kampanji ta' komunikazzjoni li jippromwovu l-importanza tal-interoperabbiltà u l-benefiċċji tal-applikazzjoni tal-FEI.	2017-2020	KE, SM
	9. Koordinazzjoni mal-uffiċċji tal-pajjiżi tal-UE għall-implimentazzjoni nazzjonali (eż. appoġġ għall-istabbiliment ta' governanza, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet, titħeġġeġ il-parteċipazzjoni f'proġetti pilota tal-UE).	2018-2020	KE, SM
	10. Iż-żamma, it-titjib u l-animazzjoni tal-pjattaforma Joinup għal involvement iktar tal-utent u l-bini tal-komunità	2017-2020	KE, SM
Sabiex jiġu ggwidati t-tfassil u l-iżvilupp tas-servizzi pubbliċi bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-utenti.	11. L-identifikazzjoni jew l-introduzzjoni ta' mezzi ta' involvement tal-utent fl-iżvilupp tas-servizzi pubbliċi diġitali.	2018-2020	KE, SM
Qasam ta' prijorità Nru 4: L-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-promozzjoni ta' faċilitaturi ewlenin tal-interoperabbiltà			
Sabiex jiġu definiti, żviluppati, mtejbja, operazzjonalizzati, miżmuma u promossi s-servizzi u l-għodod, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet għall-interoperabbiltà.	12. Definizzjoni u implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet komuni tat-termeni u kundizzjonijiet għall-aċċess u l-ġestjoni tar-reġistri bażi. Il-firxa tal-kartografija ta' soluzzjonijiet eżistenti għall-qasam tar-reġistri bażi.	2017-2020	KE, SM
	13. L-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' mudelli komuni għad-deskrizzjoni u l-katalogar tas-servizzi pubbliċi fl-UE kollha.	2017-2020	KE, SM
	14. L-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet ta' data u għodod għall-appoġġ ta' inizjattivi ta' "data miftuħa".	2018-2020	KE, SM
	15. L-identifikazzjoni ta' miżuri biex tinbena l-fiduċja fit-tweġġ ta' servizzi pubbliċi diġitali Ewropej. F'dan il-kuntest, li jitħaffef l-assorbiment tas-servizzi eIDAS, inkluż eID u eSignature.	2018-2020	KE, SM

	16. L-analiżi tal-kontenut tad-data ta' u skemi eżistenti ta' metadata għall-informazzjoni ta' amministrazzjoni pubblika (inkluż dokumenti) użati f'kuntest transfruntier jew transewropej. Identifikazzjoni ta' ostakli għall-għarfien reċiproku, l-iżvilupp ta' mmappjar u l-appoġġ għal sforzi ta' armonizzazzjoni.	2018-2020	KE, SM
	17. Appoġġ ulterjuri għall-implimentazzjoni u t-tisħiħ tad-Direttiva INSPIRE permezz tal-użu ta' data ġeospazjali fis-servizzi pubbliċi diġitali.	2017-2020	KE, SM
	18. Koordinazzjoni mal-inizjattivi tal-Kummissjoni dwar il-"cloud" u inizjattivi oħra relatati mal-"bini ta' ekonomija xprunata mid-data" tas-Suq Uniku Diġitali (f'dak li jikkonċerna s-servizzi tal-gvern) u l-provvediment tar-rakkomandazzjonijiet neċessarji għall-interoperabbiltà u speċifikazzjonijiet b'kunsiderazzjoni dovuta għall-Komunikazzjoni dwar il-Prijoritajiet ta' Standardizzazzjoni tal-ICT għas-Suq Uniku Diġitali (COM(2016)176).	2018-2020	KE, SM
Qasam ta' prijetà Nru 5: L-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-promozzjoni ta' strumenti ta' appoġġ għall-interoperabbiltà			
Sabiex jiġu definiti, żviluppati, imtejba, operazzjonalizzati, mantnuti u promossi strumenti li jappoġġaw l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni, u l-monitoraġġ ta' attivitajiet ta' interoperabbiltà.	19. L-iżvilupp ta' metodu li jevalwa l-impatt eventwali tal-ICT tal-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE jew, jekk possibbli, fil-livelli nazzjonali. jidentifika leġiżlazzjoni li xxejjel l-interoperabbiltà (inkluż skrinjar legali); jitwettqu verifiki diġitali fuq politiki u leġiżlazzjoni proposti jew eżistenti; appoġġ għal azzjonijiet li jiffaċilitaw il-preparazzjoni u l-koerenza tal-leġiżlazzjoni.	2017-2020	KE, SM
	20. L-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-użu ta' mekkaniżmi u għodod li jevalwaw il-maturità, il-kostijiet u l-benefiċċji tal-interoperabbiltà.	2017-2020	KE, SM
	21. Il-manutenzjoni u l-promozzjoni tal-"qafas għall-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet tal-IT" (inkluż sors miftuħ) żviluppat fil-kuntest tal-programm ISA ² .	2017-2020	KE, SM
	22. Jiġu żgurati l-manutenzjoni, it-titjib u l-promozzjoni tal-Arkitettura Ewropea ta' Referenza għall-Interoperabbiltà (EIRA) u l-Kartografija Ewropea għall-Interoperabbiltà (EIC) bħala strumenti għall-iffaċilitar tal-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet eżistenti ta' interoperabbiltà f'kuntest nazzjonali jew transfruntier.	2017-2020	KE, SM